# *IL-ĦSIEB WARA L-AZZJONI TAŻ-ŻWIEĠ*

**Diskors ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Konferenza Nazzjonali "Biex iż-żwiġijiet u l-familji ma jibqgħux jitkissru" fl-okkażjoni ta' Jum il-Familja ('Rolling back the tide of marriage breakdown')**
**Lukanda Phoenicia – Is-Sibt, 15 ta' Mejju 2010**

Dijanjożi ta' pazjent tiegħu f'kunsiderazzjoni kemm is-sintomi tal-marda, kif ukoll il-kawża ta' dawk l-effetti! Tkun miżura dgħajfa jekk wieħed jikkura l-ġerħat ta' persuna diabetika, mingħajr ma jindirizza l-marda tad-diabete!

Inħoss li dan qed jiġri wkoll fostna meta nitkellmu dwar it-tisħiħ taż-żwieġ u l-familja. Huwa importanti li wieħed jitfa' dawl fuq il-periklu ta' forom emerġenti tal-familja, dwar kruha tat-tifrik tal-familji, id-divorzju, il-koabitazzjoni, il-permessività sesswali, eċċ. Imma nemmen li dawn huma biss sintomi soċjali li, aktar milli għandhom jiġu indirizzati bħala diffikultajiet fihom infushom, hemm bżonn nintebħu x'inhu l-isem tal-marda. Dawn il-problemi matrimonjali u familjari huma l-effett ta' kawża eżistenzjali wisq aktar profonda u aktar wiesgħa. Nifhem li l-azzjoni urġenti li teħtieġ is-soċjetà tagħna hija li bis-serjetà tindividwalizza l-għerq li kontinwament qed inibbet fergħat ġodda li huma bgħula.

Barra minn hekk, din ix-xorta ta' riflessjoni hija utli biex hekk tissaħħaħ il-motivazzjoni wara ċerti għażliet, anke fil-kamp tal-familja, li l-bniedem jemmen li għandu jagħmel illum – aktar u aktar meta dawn huma għażliet li jmorru kontra l-*mainstream* tas-soċjetà attwali! Ħafna drabi mhux biżżejjed li wieħed jippreskrivi ċerta mediċina jew stili ta' ħajja lill-marid, għax jekk il-pazjent ma jkunx konvint li ma jistax ma jieħux dik il-mediċina jew ma jaddottax dak l-istil ta' ħajja, kollox jibqa' għaddej!

Filwaqt li Samuel Huntington jgħid li llum il-kawża tal-kunflitti fid-dinja hija l-iskontru (*clash*) bejn iċ-ċiviltajiet, James Kurth jippreċiża illi l-iskontru veru li qed nassistu għalih mhux tant bejn iċ-ċiviltajiet il-kbar tad-dinja (il-Punent, id-dinja Iżlamika u l-Konfuċjaniżmu tal-Lvant), imma t-tensjoni u l-kunflitti fiċ-ċiviltà tal-Punent – bejn dawk li għandhom viżjoni Lhudija-Kristjana tal-ħajja u dawk li telqu din il-viżjoni biex iħaddnu diversi skejjel ta' ħsieb bħalma huma l-femminiżmu, il-multikulturaliżmu, il-liberaliżmu – liema diversità ssib is-somma tagħha f'dik li tissejjaħ "ortodossija sekularista" jew "sekulariżmu".

Forsi xi ħadd jaħseb li din tinvolvi tensjoni bejn ir-raġuni u l-fidi! Filwaqt li ma tnaqqas xejn mill-għajnuna li kapaċi tagħti l-Kelma t'Alla u t-Tradizzjoni fil-Knisja biex il-bniedem jasal għall-verità, il viżjoni morali Kristjana mhix kontra r-raġuni; anzi Robert P George, professur fil-ġurisprudenza, li kien wieħed mit-tim li pproduċa d-Dikjarazzjoni ta' Manhattan (Nov. 2009), itenni li "*Christian moral teaching can be shown to be rationally superior to orthodox secular moral beliefs*".

Hija premessa ta' min għandu twemmin sekularista li r-raġuni umana mhix fakultà biex il-bniedem jiskopri x'inhu t-tajjeb li għandu jagħmel; imma huwa juża r-raġuni biex jikseb dawk il-mezzi li bihom ikun jista' jilħaq dak li jixtieq – dak li tgħidlu l-passjoni tiegħu! Dan jikkonfermah David Hume, filosofu li waqqaf is-sekulariżmu modern, meta jgħid li "*Reason is and ought only to be slave of the passions, and may never pretend to any office other than to serve and to obey them*". Allura skont dawn ir-raġuni għandha funzjoni purament strumentali: ir-raġuni ma tgħidilniex x'għandna nagħmlu, imma nużawha biss biex niksbu dak li nixtiequ!

Infatti għas-sekularisti, iż-żwieġ huwa biss ftehim legali biex iħares l-emozzjonijiet tal-partijiet, li jistgħu jkunu kemm raġel u mara kif ukoll tnejn tal-istess orjentament sesswali! Il-permanenza, l-esklussività u l-ftuħ għall-ħajja ma jagħmlux parti min-natura taż-żwieġ, imma kollox huwa negozjabbli bejn il-partijiet – kollox jiddependi mir-rieda jew il-kunsens tal-partijiet f'dik l-esperjenza. Xi sekularisti jistgħu jaslu biex jirrikonoxxu ċertu kontroll fuq l-attività sesswali barra ż-żwieġ – però mhux a bażi ta' xi prinċipju morali, imma minħabba raġuni prudenzjali, per eż. peress li l-promiskwità tista' tkun okkażjoni ta' tixrid ta' mard!

Fid-dawl tal-premess, jidhirli li ma għandniex insibu diffikultà biex niddeterminaw il-kawża prinċipali tas-sitwazzjoni preżenti taż-żwiġijiet u l-familji f'pajjiżna! Din il-filosfija sekularista b'morali utilitarista, iffumentat l-għajta għad-dritt għall-abort, dritt għad-divorzju, id-dritt taż-żwieġ bejn żewġ persuni tal-istess sess, id-dritt li wieħed jgħix ħajtu mingħajr ħadd ma jindaħallu, lanqas l-Istat!

Effettivament il-kultura sekularista hija kultura li ġġib 'il quddiem is-suġġettiviżmu morali u r-relattiviżmu! Jekk ma noqogħdux attenti, xi drabi anke xi diskors dwar il-primat tal-kuxjenza jista' jkun ixaqleb lejn is-suggettiviżmu pur! Mhuwiex biss il-Papa Benedittu XVI li sikwit iwissi kontra d-dittatura tar-relattiviżmu morali u li din hija triq perikoluża, imma wkoll ċerti esponenti sekularisti qed jammettu li fl-aħħar mill-aħħar ir-relattiviżmu mhuwiex konsistenti ma' ħafna *claims* morali tagħhom stess, bħalma huwa fil-każ tad-dritt għall-abort, id-dritt għal-liberta sesswali, id-dritt għall-mewt.

Nagħti eżempju: bil-kriterji sekularisti, jekk huwa dritt li jkun hemm liġi li tagħti d-divorzju, anke dawk li huma favur il-permanenza fiż-żwieġ, għandhom id-dritt li jkollhom liġi li tħares l-indissolubbiltà taż-żwieġ! Filosofu politiku liberali magħruf, Joel Freinberg, wissa illi "*Liberals must be aware of relativism – or, at least, of a sweeping relativism – lest they be hoist on their own petard*". Għalhekk, fin-nuqqas ta' prinċipji morali fermi, kollox jindika li l-istess pożizzjoni relattivista tas-sekularisti qed tħabbat wiċċha ma' problema filosofika mhux żgħira! U l-filosofu Alasdair MacIntyre josserva li skejjel ta' ħsieb dwar il-moralità jidħlu fi kriżi meta huma stess iqajmu mistoqsijiet li huma stess

ma jkollhomx tweġiba għalihom!

Mhux biss is-sekularisti sinċieri jinsabu fi kriżi, imma l-filosofija tagħhom, bil-pretensjonijiet li ġabet magħha, daħħlet u qed iddaħħal fi kriżi s-soċjetà tagħna!

Fil-ktieb tiegħu *After Virtue*, wara li jipprova kif falla l-pjan tal-Illuminiżmu u l-Liberaliżmu biex iwaqqaf sistema morali fuq "secular reason", MacIntyre ixebbah iċ-ċiviltà Ewropea u Amerikana ta' żminijietna maż-żmien li wassal lill-Imperu Ruman f'dik l-epoka magħrufa bħala "iż-Żminijiet tad-Dlam". Huwa jikteb illi f'dak iż-żmien, kien hemm persuni illi "*turned aside from the task of shoring up the Roman imperium and ceased to identify the continuation of civility and moral community with the maintenance of that imperium. What they set themselves to achieve instead .... was the construction of new forms of community within which the moral life could be sustained so that both morality and civility might survive the coming ages of barbarism and darkness*".

MacIntyre ikompli li "*for some time now we, too, have reached that turning point. What matters at this stage is the construction of local forms of community within which civility and the intellectual and moral life can be sustained through the new dark ages which are already upon us. And if the tradition of the virtues was able to survive the horrors of the last dark ages, we are not entirely without grounds for hope*".

Aħna mdorrijin nassoċjaw il-Barbari ma' dawk li kienu jaħarqu l-bliet, l-irħula u d-djar! Illum, il-barbariżmu huwa forza ta' ħsieb li mhux biss qiegħed iniżżel għarkupptejhom istituzzjonijiet u strutturi politiċi kbar, imma qed iħarbat in-nies u l-familji tagħna! Kif ikompli josserva MacIntrye, issa "*the barbarians are not waiting beyond the frontiers; they have been governing us for quite some time. And it is our lack of consciousness of this that constitutes part of our predicament*".

Għalhekk, jekk tassew irridu nagħmlu xi ħaġa biex nilqgħu kontra l-mewġa ta' tkissir taż-żwiġijiet u l-familji, filwaqt li huwa tajjeb li jsiru interventi biex jiġu ndirizzati l-*issues* familjari partikulari, nemmen li hija urġenti l-"**pastorali tal-ħsieb**". Huwa fatt pożittiv li fostna għandna diversi ħassieba li, għax huma konvinti li l-filosofija Kristjana hija ċavetta valida biex jinterpretaw ir-realtà, taw u qed jagħtu kontribut fit-tiswir ta' ħsieb san. Għandna nagħtu aktar spazju lil dawn il-persuni, anke fil-Knisja, biex il-ħsieb ikompli jiddakkar b'dakkir tajjeb!

Imbagħad huwa importanti d-**djalogu** ma' dawk kollha li għandhom fakultà li jagħġnu l-ħsieb u jieħdu deċiżjonijiet, jiġifieri mal-ħassieba, dawk li jgħallmu, in-nies tal-kultura, tal-politika, tal-midja, biex fi spirtu ta' tfittix sinċier nagħrfu l-iżball (fallacy) ta' ċerti pożizzjonijiet li qed jittieħdu u niskopru dak li għandna nagħmlu għall-ħarsien taż-żwieġ naturali a bażi ta' ċertezzi, valuri u prinċipji etiċi sodi.

Huwa dan id-djalogu li inkoraġġixxa l-Papa Benedittu XVI f'intervista li ta lill-ġurnalisti waqt il-vjaġġ minn Ruma għall-Portugall: "*In these centuries of a dialectic between enlightenment, secularism and faith, there were always individuals who sought to build bridges and create a dialogue, but unfortunately the prevailing tendency was one of opposition and mutual exclusion. Today we see that this very dialectic represents an opportunity and that we need to develop a synthesis and a forward-looking and profound dialogue. In the multicultural situation in which we all find ourselves, we see that if European culture were merely rationalist, it would lack a transcendent religious dimension, and not be able to enter into dialogue with the great cultures of humanity all of which have this transcendent religious dimension – which is a dimension of man himself. So to think that there exists a pure, anti-historical reason, solely self-existent, which is 'reason' itself, is a mistake; we are finding more and more that it affects only part of man, it expresses a certain historical situation but it is not reason as such. Reason as such is open to transcendence and only in the encounter between transcendent reality and faith and reason does man find himself. So I think that the precise task and mission of Europe in this situation is to create this dialogue, to integrate faith and modern rationality in a single anthropological vision which approaches the human being as a whole and thus also makes human cultures communicable.*"

Kull viżjoni, għażla jew azzjoni fir-rigward taż-żwieġ u l-familja titlaq minn ħsieb jew konvinzjoni. Billi l-ħsieb jissawwar f'kuntest kulturali partikulari, nifhem li jkun għaqal għal min irid iħares iż-żwieġ u l-familja li, kif seħħ fl-imgħoddi, anke llum inkomplu ninvestu aktar "fl-emerġenza edukattiva".

# ID-DON TAT-TAMA JĠEDDED IL-WIĊĊ TAL-ART

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Velja Sollenni ta' Għid il-Ħamsin**
**Parroċċa Qala – Is-Sibt 22 ta' Mejju 2010**

## L-Ispirtu s-Santu jimla l-Knisja bit-tama

Għalkemm fina u madwarna hemm diversi affarijiet illi jaħbtu jaqtgħulna qalbna, iltqajna flimkien illejla biex nagħmlu din it-talba u nsejħu fuqna l-Ispirtu s-Santu, ħalli jekk dħalna hawn bi qlubna mbeżżgħa u maqtugħa, noħorġu deċiżi li qatt m'għandna llissnu espressjoni bħal din: "Qtajt qalbi".

"Qtajt qalbi minni nnifsi"... Kemm hawn minna jaqtgħu qalbhom minnhom infushom u jieqfu f'nofs ta' triq! Qatt ma ngħidu li qtajna qalbna mill-familji tagħna. Veru li nisimgħu aħbarijiet suwed dwar ħutna miżżewġin, imma aħna llejla jrid ikollna l-qawwa li ngħidu li aħna għadna nemmnu li huwa possibbli ngħixu ż-żwieġ, u ż-żwieġ Nisrani fil-familja. Xi drabi naqtgħu qalbna minn ċerti relazzjonijiet ta'

bejnietna, forsi wkoll relazzjonijiet li ilhom miksura s-snin, u ngħidu: "M'hemmx ċans nirranġaw". Aħna rridu nsibu l-qawwa biex ngħidu li ma nistgħux naqtgħu qalbna. Xi darba ċerti sitwazzjonijiet fil-ħajja soċjali tagħna, ċertu għawġ li naraw madwarna, jaqtgħalna qalbna mhux ftit! Ma nkunux nafu fejn ser naqbdu nagħtu rasna. Imma aħna, il-komunità Nisranija, illejla, hawn u kullimkien, għandna raġun ngħidu li, iswed kemm huwa iswed ix-xefaq, aħna qegħdin naraw futur, li għada hemm futur aħjar anki għas-soċjetà tagħna. Xi drabi anki fil-Knisja tara ċerti affarijiet – jew jien nara ċerti affarijiet li ma tarawhomx intom – hekk li taħbat taqta' qalbek. Imma llejla intom u jien flimkien irridu ntennu l-konvinzjoni illi għandna motiv biex nagħmlu kuraġġ, ħalli jkollna Knisja ġdida, Knisja "Pentekostali".

"U minn fejn ser inġibu din il-qawwa?", nistħajjilkom tgħiduli. L-Ispirtu s-Santu – li Kristu bagħat u għadu jibgħat fuq il-Knisja u fuqna lkoll – huwa Spirtu li lilna jagħtina qawwa li tisboq il-ħila, il-kapaċitajiet u t-talenti naturali tagħna. Kieku jiddependi minna, kieku jien l-ewwel wieħed li naqta' qalbi, imma għaliex aħna nemmnu li f'Għid il-Ħamsin Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu li smajna diversi drabi dwaru llejla fil-qari, dak l-Ispirtu s-Santu għandu jimlina b'qawwa, determinazzjoni u fiduċja li m'hemm xejn li ma jistax isir b'Alla magħna. Temmnu inti dan?

### Tama li tnissel tiġdid

Fil-Vanġelu u l-Atti tal-Appostli, l-aħħar żewġ siltiet li smajna llum, meta jitkellmu dwar l-esperjenza tal-ewwel Għid il-Ħamsin, naqraw li Kristu jonfoħ in-nifs tiegħu. L-Atti jitkellmu fuq nirien. Dan tafu fiex ifakkarni? Ifakkarni fin-nifs ta' Alla, li nefaħ fil-bidu tal-ħolqien meta ħoloq u ra li kollox kien sew. Alla ra li kollox kien tajjeb u sabiħ, u meta Kristu jerġa' jonfoħ fuqna n-nifs tiegħu aħna rridu nemmnu li ħolqien ġdid huwa possibbli, anki jekk is-sinjali li naraw quddiemna jgħidulna xorta oħra.

Iva, rridu nemmnu li n-nifs ta' Alla, l-Ispirtu ta' Alla, qiegħed magħna biex, jekk aħna nikkoperaw miegħu, ikollna art ġdida u smewwiet ġodda. Aħna kapaċi jkollna bnedmin imġeddin, fejn allura jien u int niġġeddu; realtajiet ta' ħajja miżżewġa u ta' ħajja familjari ġdida; relazzjonijiet ta' bejnietna mġeddin; soċjetà b'wiċċ aktar uman; Knisja mġedda, u f'din il-Knisja nġeddu l-ministeri fi ħdanha. Hux illejla nġbarna biex nitolbu wkoll għas-saċerdoti f'din is-Sena Saċerdotali? Irridu nemmnu li bis-sehem tagħna lkoll huwa possibbli li jkollna saċerdozju ministerjali mġedded. Aħna kapaċi jkollna komunitajiet parrokkjali mġeddin, ħolqien ġdid. Temmnu inti dan?

### It-tiġdid iseħħ bir-rebħa fuq id-dnub

Fil-Vanġelu jiena nintwixxi s-soluzzjoni, jew aħjar iċ-ċavetta li jagħtina Kristu biex aħna ma naqtgħux qalbna, inkunu preżenza pożittiva, u nikkontribwixxu għal ħolqien ġdid fis-sens wiesa' tal-kelma. Tafu fejn hu? Meta Kristu, nhar l-Għid, lill-Appostli, wara li nefaħ fuqhom u tahom l-Ispirtu s-Santu, qalilhom: "Id-dnubiet li intom taħfru jkunu maħfura". Mela l-preżenza ta' dawk li huma mimlijin bl-Ispirtu hija preżenza li teħodha kontra d-dnub. Il-preżenza tagħna fid-dinja tal-lum trid tkun preżenza ta' Nsara li jagħmlu ħilithom, mhux biss biex ma jaqgħux fid-dnub, partikularment id-dnub il-mejjet, imma biex jeħduha kontra d-dnub fid-diversi forom tiegħu.

U kif neħodha kontra d-dnub? Kieku l-atteġġament faċli li jiġina tafu x'inhu? Li nikkundannaw, li naqtgħu minn magħna lil min huwa dgħajjef, jew forsi lil min huwa stinat fil-ħajja tad-dgħufija. Imma jiena ma narax u ma naħsibx li l-mandat li Kristu ta lid-dixxipli tiegħu kien li naqtgħu lil xi ħadd minn magħna. "Aħfru d-dnubiet"... Mela fejn hemm id-dnub kunu intom li tnisslu l-grazzja, fejn hemm il-kruha tad-dnub kunu intom li tlibbsu mill-ġdid bil-ġmiel, fejn hemm il-ferita mdemmgħa tad-dnub kunu intom, mhux li ċċarrtu l-ferita imma li titfgħu d-duwa, li tikkuraw dawk il-ġerħat, li tfejqu.

Qed taraw x'inhi l-attitudni tan-nies li qed jgħixu Għid il-Ħamsin! Filwaqt li niftħu għajnejna quddiem il-preżenza ta' dak li huwa ħażin, irridu nkunu preżenza fid-dinja li tikkumbatti l-ħażin u d-dnub billi xxandar il-Bxara t-Tajba, billi tlaqqa' lill-bniedem mal-grazzja. Forsi xi ħadd jgħidli: "Imma dan possibbli? Ma taqtax qalbek quddiem din l-isfida?". Jien intennilkom dak li għidtilkom fil-bidu: li llejla aħna rridu noħorġu minn hawn qawwijin bl-Ispirtu s-Santu, u ngħidu li nemmnu li bid-dnub – huwa kemm huwa dnub, kbir kemm huwa kbir, antik kemm huwa antik – Alla jista' u jrid jużana biex ngħinu lill-Knisja tinfatam mid-dnub tagħha.

### Rebħa fuq id-dnub bil-qawwa tal-intimità mal-Mulej

Minn fejn ġabu l-qawwa d-dixxipli biex setgħu jifhmu dak li Ġesù qalilhom: "Irċievu l-Ispirtu s-Santu u ġġieldu kontra d-dnub"? It-tweġiba qiegħda f'dak li jgħid San Ġwann: "Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej". Hekk smajna fil-Vanġelu. Jiena nħoss li l-komunitajiet tagħna mhumiex preżenza li tagħmel differenza għall-aħjar f'kull qasam tal-ħajja soċjali u ekkleżjali, għaliex aħna neqsin minn din l-esperjenza li naraw lill-Mulej. Aħna lill-Mulej ma nfittxuhx biżżejjed biex induqu l-benna u t-tjubija tiegħu. Nikkuntentaw ruħna s'issa, bil-laqx u bil-frak. Għalhekk forsi aħna komunità li taqta' qalbha.

### Il-katekeżi tlaqqagħna mal-Kelma ta' Kristu

Kif nistgħu naraw lill-Mulej? F'din is-sena pastorali aħna pproponejna, ħeġġiġna u għadna nħeġġu biex nagħmluha iktar mal-Kelma. U allura saru diversi proposti fid-djoċesi tagħna għal dik li hija l-katekeżi tal-adulti, biex ma ngħidx l-evanġelizzazzjoni tal-adulti! Intom stess tistgħu tikkonfermawli x'esperjenzi sbieħ nibtu fil-komunitajiet tagħna, fejn irġiel u nisa bdew jiltaqgħu ħalli jiċċelebraw il-Kelma, ħalli hemmhekk jaraw lill-Mulej u jduquh. U din l-esperjenza għandna nkompluha, anki jekk is-sena pastorali hija riesqa lejn it-tmiem tagħha; għandna nkomplu naħdmu fuqha, insaħħuha, u fejn sar ftit jew ma sar xejn jiena nappella biex ma nitilfux din is-sena tal-grazzja.

### Il-liturġija f'Jum il-Mulej

Imma nistgħu wkoll naraw lill-Mulej u nimtlew bil-qawwa biex neħduha kontra d-dnub jekk ikollna liturġija iktar

ferrieħija, iktar bis-sens, li mhix teatrin – aħna hawn u intom hemm! –, liturġija bis-sehem ta' kull membru tal-komunità. U qed nitkellem partikularment dwar l-Ewkaristija tal-Ħadd, li għal ħafna hija l-uniku mument fejn jistgħu jaraw lill-Mulej u jifirħu. Dan huwa proġett għas-sena d-dieħla fil-pjan pastorali. Inħeġġiġkom biex tikkoperaw mal-kappillani tagħkom u mas-saċerdoti biex naraw x'nistgħu nagħmlu ħalli jkollna tassew liturġija ċelebrattiva, biex l-Ewkaristija ma tkunx biss sodisfazzjon ta' obbligu imma tkun mument sabiħ fejn aħna nistgħu ngħidu: "Kemm huwa sew li aħna hawn!", u dan fil-preżenza tal Mulej Ġesù. Ejjew ma nħallux dan il-mument jaħarbilna! Jiena sinċerament inħoss li r-riforma liturġika li talbet minna l-Knisja permezz tal-Konċilju Vatikan II għamilna xi ħaġa dwarha, imma għadna ftit 'il bogħod, u hemm passi 'l quddiem x'nagħmlu flimkien biex ikollna liturġija li lilna tentużjażmana, tagħtina *charge* spiritwali, u terġa' tqajjem fina d-don tal-Ispirtu, ħalli noħorġu hemm barra u noħolqu xi ħaġa ġdida.

### Is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

Imbagħad, jekk aħna fid-dawl tal-Vanġelu qegħdin ngħidu li Kristu lill-Appostli mimlijin bl-Ispirtu bagħathom biex jaħfru d-dnub, liema esperjenza tisboq il-qdusija tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, il-Qrar? U anki dan huwa objettiv, wieħed mill-għanijiet tal-pjan pastorali tas-sena d-dieħla, li aħna rridu nistudjaw flimkien u naraw x'hemm bżonn isir biex tassew il-Qrar ikun mument fejn aħna nħossuna meħlusin; għax xi darba tidħol għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u toħroġ qalbek maqtugħa iktar minn kif tkun dħalt! Din ir-riflessjoni rridu nagħmluha mhux biss aħna s-saċerdoti, li aħna l-ministri tar-Rikonċiljazzjoni, imma flimkien, speċjalment f'dawk il-gruppi fi ħdan il-komunità parrokkjali fejn hemm is-sehem tagħkom il-lajċi, ħalli naraw x'irid minna l-Ispirtu ta' Alla f'dawn iż-żminijiet, biex hekk is-sagrament tal-Qrar ikun tassew forġa li taħraq id-dnub, mhux biss id-dnubiet personali imma wkoll id-dnubiet soċjali u komunitarji tagħna.

### Preżenza Nisranija li ġġedded

Għalhekk illejla jiena ngħidilkom: Taqtgħux qalbkom! Emmnu li l-Ispirtu ta' Alla l-Missier huwa Spirtu li joħloqkom mill-ġdid, u ħalluh jibgħatkom, kif Kristu qal lill-Appostli: "Kif il-Missier bagħat lili hekk jien nibgħat lilkom". Hekk il-Knisja tibgħat lilkom ilkoll l-imgħammdin, kulħadd skont il-ministeru u s-sejħa partikulari tiegħu, biex tkunu preżenza fil-Knisja u fid-dinja li ġġib it-tiġdid, Knisja li tagħti raġuni ħalli l-bniedem tal-lum ma jaqtax qalbu, imma jkun jista' jqiegħed pedamenti aħjar għall-futur tagħna u tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

---

# *GĦAL TQARBIN XIERAQ*

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Festa tal-Corpus Domini**
**Quddiesa Pontifikali, Katidral ta' Għawdex – Il-Ħadd 6 ta' Ġunju 2010**

Dan l-aħħar fostna qed jixtered tagħlim li jmur kontra d-duttrina Kattolika dwar l-Ewkaristija. Qed ngħixu fi żmien fejn, għalkemm nidhru li aħna reliġjużi, qed nitilfu s-sens tas-sagru u hekk naslu wkoll biex nabbużaw mill-Ewkaristija.

Tgħodd ħafna għalina llum it-twissija li San Pawl għamel lill-Insara ta' Korintu: "Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej... Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess" (1 Korintin 11, 27-29).

Fl-Ewkaristija hemm il-preżenza reali u vera ta' Kristu, veru Alla u veru bniedem. B'differenza minn ħafna Nsara Protestanti, aħna nemmnu li l-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija tibqa' anke wara li tintemm il-quddiesa, u għalhekk il-ħobż ikkonsagrat jinżamm fit-tabernaklu.

Min tassew jemmen fl-Ewkaristija jgħożż l-adorazzjoni ewkaristika. Imma llum irkupptejna bbiesu wisq biex nitgħawġu u ninżlu għarkupptejna kemm quddiem is-Sagrament espost għall-adorazzjoni kif ukoll waqt il-konsagrazzjoni fil-quddiesa.

Min jemmen fl-Ewkaristija japprezza t-tqarbin possibbilment ta' kuljum. Sa minn dejjem il-Knisja għallmet li biex nitqarbnu rridu nkunu mingħajr dnub mejjet. Fi kliem San Pawl: "Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, mbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi". Il-bniedem jista' jaqa' fid-dnub mejjet mhux biss f'attività sesswali barra miż-żwieġ imma wkoll f'għażliet diversi oħra li jagħmel fil-ħajja. Huwa tagħlim kostanti tal-Knisja li min ikun fid-dnub il-mejjet għandu bżonn iqerr qabel jersaq biex jirċievi l-Ewkaristija. Għaliex biex nitqarbnu rridu nkunu fil-grazzja t'Alla; u d-dnub il-mejjet iċaħħad dan l-istat tal-grazzja.

Jekk wieħed ikun wettaq għemil li fih innifsu huwa diżordni morali, anke jekk din il-persuna suġġettivament ikollha raġunijiet li jiskużawha jew inaqqsulha l-ħtija, xorta ma tistax tersaq titqarben għax tkun ta' skandlu għall-oħrajn.

Għandna bżonn nieqfu u nirriflettu biex naraw jekk it-tagħlim li nħaddnu dwar l-Ewkaristija huwiex awtentiku jew iddeġenerax maż-żmien. Nistħarrġu wkoll jekk tlifniex is-sens tad-dnub; għax jekk għalina sar jgħaddi kollox, jiftehmu ċerti abbużi fil-konfront tal-Ewkaristija.

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.